MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 782/2014

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**RHF Industries Limited**

**Sundry Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank attur tad-9 ta’ Settembru 2014 li jghid hekk:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Patricia Hall datat 25 ta' Ottubru 2010 (Dok "A"), l-intimati iddikjaraw ruhhom veru, certi u likwidi debituri tas-socjeta

rikorrenti fis-somma ta' disa' mija u disgha u hamsin elf, sitt mija u sebgha u tmenin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€959,687.57) flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi d-debitu tal-intimati mas-socjeta rikorrenti illum .jammonta ghas-somma ta' miljun, mija u erbgha u sebghin elf, tmien mija u dsatax-il ewro u erbgha u sebghin centezmu (€1,174,819.74), flimkien mal-ispejjez u mal-imghax ulterjuri mis-27 ta' Awwissu 2014 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "B").

Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi l-kuntratt datat 25 ta' Ottubru 2010 in atti Nutar Dottor Patricia Hall (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat li s-socjetajiet konvenuti gew debitament notifikati pero ma deher hadd ghall-istess socjetajiet fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015;

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tat-13 ta' Jannar 2015;

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentanta tal-bank rikorrenti Rose Cortis fejn bil-gurament taghha iddikjarat li l-fatti ma nbiddlux mindu gie prezentat ir-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fir-rikors hi skond il-ligi senjatament l-artikolu 258(c) tal-Kap. 12;

Tilqa' t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra s-socjetajiet intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------